MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Numru 1058/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Jose Vicente Garcia Soriano**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Jose Vicente Garcia Soriano, iben Jose u Maria Del Carmen nee' Soriano, imwieled Spanja fit-8 ta' Marzu 1992, residenti "Shared Apartment" Block 2, No.7, Triq Sir Luigi Camilleri, Sliema, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' Spanjola bin-Numru 53663861P, talli f'dawn il-Gzejjer:

1. Nhar it-28 ta' Ottubru 2014 ghall-habta tas-sebgha u ghoxrin ta' filghodu (7:20a.m.) gewwa Hyde Park Towers, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' "skylight", liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda tiskorri l-mitejn u hamsin Euro (€250) ghad-dannu ta' Trafford Busuttil u/jew persuni ohra u dan ai termini tal-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fi stat ta' sakra u dan ai termini tal-Artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-kaz u b'mod partikolari d-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "F";

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bl-iktar mod solenni bil-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba

tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Rat li l-imputat waqt is-seduta ta' llum 29 ta' Ottubru 2014, ghadda lill-Ispettur Trevor Micallef is-somma ta' elf tmien mija u tmenin Ewro (€1,880) biex jaghmel tajjeb ghall-hsara kawzata minnu;

## Ikkunsidrat:

Bil-procedura odjerna l-imputat qed jigi akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer: (i) har it-28 ta' Ottubru 2014 ghall-habta tas-sebgha u ghoxrin ta' filghodu (7:20a.m.) gewwa Hyde Park Towers, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' "skylight", liema hsara ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt euro (€2,500) izda tiskorri l-mitejn u hamsin Euro (€250) ghad-dannu ta' Trafford Busuttil u/jew persuni ohra u dan ai termini tal-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fi stat ta' sakra u dan ai termini tal-Artikolu 338 (ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta' l-istess akkuzi hekk dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, li ghandu fedina penali netta u li hallas ghad-danni kagunati minnu.

Ghalhekk wara li rat u ikkunsidrat l-Artikoli 325(1)(b u 338 (ff) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, izda ghalkemm kien fis-sakra fil-mument li kkometta r-reati imsemmija, fatt dan li ma jistax jigi gustifikat jew skuzat, tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz ma jkunx spedjenti li timpani terminu ta' prigunerija fuq l-imputat, anki jew tali terminu jkun wiehed sospiz, jew Ordni ta' Probation jew Ordni ta' Servizz fil-Kommunità, u ghalhekk a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat, bi kliem li jiftiehem sew, illi jekk huwa jaghmel reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, ossia matul it-terminu ta' sena (1) mid-data ta' din is-sentenza, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reati minnu ammessi f'dawn il-proceduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 534AD tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat ghandu jinghata kopja ta' din is-sentenza tradotta fil-lingwa Spanjola

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------